



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Meju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0197(COD)

6168/1/21
REV 1 ADD 1

FSTR 13
REGIO 22
FC 4
CADREFIN 70
CODEC 203
PARLNAT 122

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta'
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni
– Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
– Adottata mill-Kunsill fis-27 ta' Meju 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fid-29 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u dwar il-Fond ta' Koeżjoni¹, li hija parti mill-pakkett leġiżlattiv tal-Politika ta' Koeżjoni għall-2021-2027. L-objettiv ta' politika ġenerali tar-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni huwa li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni, billi jnaqqas id-disparitajiet bejn id-diversi reġjuni tal-UE, f'konformità mal-Artikoli 174, 176 u 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fit-28 ta' Mejju 2020, wara t-tifqigħa tal-COVID-19 u bħala parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-27 rivedut u l-Pakkett għall-Irkupru, il-Kummissjoni pproponiet diversi emendi għall-pakkett leġiżlattiv tal-politika ta' Koeżjoni 2021-2027, inkluż għar-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni².
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta inizjali fis-17 ta' Ottubru 2018³ u dwar il-proposta emendata fit-18 ta' Settembru 2020⁴. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta inizjali fil-5 ta' Diċembru 2018⁵ u dwar il-proposta emendata fl-14 ta' Ottubru 2020⁶.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tar-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-27 ta' Marzu 2019.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali eżamina r-Regolament propost dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni f'għadd ta' laqgħat taħt il-Presidenza Bulgara, Awstrijaka, Rumena, Finlandiża, Kroata, Ġermaniża u dik Portugiża.

¹ Dok. ST 9522/18 + ADD 1 + ADD 2.

² Dok. ST 8380/20 + ADD 1.

³ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 90.

⁴ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 236.

⁵ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 115.

⁶ ĠU C 440, 18.12.2020, p. 191.

5. Fil-15 ta' Frar 2019 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-mandat għal negozjati parzjali inizjali⁷. Fit-22 ta' Lulju 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva mandat parzjali ieħor għal negozjati mal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-proposta emendata tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni⁸. Barra minn hekk, fil-5 ta' Ottubru 2020, il-mandat parzjali għan-negozjati ġie aġġornat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex jittieħed kont tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-27 u l-Pakkett għall-Irkupru adottat fil-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew tas-17, it-18, id-19, l-20 u l-21 ta' Lulju 2020⁹.
6. Abbażi ta' dawk il-mandati, il-Presidenza Finlandiża, Kroata, Ġermaniża u dik Portugiża wettqu negozjati interistituzzjonali li ġew konklużi fid-9 ta' Frar 2021.
7. Fis-16 ta' Marzu 2021, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) tal-Parlament Ewropew approva l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali. Fit-18 ta' Marzu 2021, il-President tal-Kumitat REGI indirizza ittra lill-Presidenza tal-Kunsill fejn indika li jirrakkomanda lill-Plenarja biex il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi, soġġetta għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.
8. B'kont meħud tal-qbil imsemmi hawn fuq u wara r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-27 ta' Mejju 2021, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 TFUE.

⁷ Dok. 6147/19 ADD 2.

⁸ Dok. 9430/20.

⁹ Dok. 10880/20.

II. OBJETTIV (Artikoli 2 u 3)

9. F'konformità mal-Artikolu 176 u t-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 174 TFUE, il-FEŻR ser ikompli jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u għat-tnaqqis tar-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti, li fosthom għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, inkluż b'mod partikolari żvantaġġi li jirriżultaw minn tnaqqis demografiku, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, gżejjer u reġjuni transfruntiera u muntanjużi. Il-Fond ta' Koeżjoni ser ikompli jikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali tat-tiżiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji fl-oqsma tal-ambjent u n-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport (TEN-T).
10. Il-FEŻR ser jappoġġa dawn l-objettivi ta' politika li ġejjin:
- Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti permezz tal-promozzjoni ta' trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti u Konnettività tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni reġjonali (Objettiv ta' Politika 1);
 - Ewropa reżiljenti u aktar ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fi tranżizzjoni lejn ekonomija mingħajr emissjonijiet ta' karbonju permezz tal-promozzjoni ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, investiment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju u mobilità urbana sostenibbli (Objettiv ta' Politika 2);
 - Ewropa aktar konnessa permezz tat-titjib tal-mobilità (Objettiv ta' Politika 3);
 - Ewropa aktar soċjali u inklużiva li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (Objettiv ta' Politika 4);
 - Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini permezz tat-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u integrat ta' kull tip ta' territorju u inizjattiva lokali (Objettiv ta' Politika 5).

L-objettivi ta' Politika 2 u 3 ser ikunu appoġġati wkoll mill-Fond ta' Koeżjoni.

L-Objettivi ta' Politika huma sussegwentement irfinati ulterjorment f'objettivi speċifiċi li huma stipulati wkoll fir-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

(a) Objettiv speċifiċi (Artikolu 3)

11. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ssib bilanċ tajjeb bejn l-objettivi speċifiċi differenti li jridu jintlaħqu mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, filwaqt li tirrifletti l-isfidi ewlenin li l-Ewropa qed tiffaċċa bħalissa, bħall-appoġġ għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19, it-tranżizzjoni ekoloġika, it-tiżni tal-kompetittività, it-titjib tal-konnettività, biex insemmu biss xi wħud.
12. F'dan il-kuntest, il-ftehim milħuq jipprevedi possibbiltà espliċita biex il-FEŻR jipprovdi appoġġ immirat lejn it-titjib tal-konnettività diġitali bħala parti mill-Objettiv ta' Politika 1 għal Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti. Biex jinżamm il-bilanċ it-tajjeb bejn l-appoġġ għal Objettivi ta' Politika differenti, 40 % biss tar-riżorsi minfuqa fuq it-titjib tal-konnettività diġitali ser jitqiesu fil-kalkolu tal-konformità mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika għall-Objettiv ta' Politika 1 u r-riżorsi kkunsidrati għar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika mhux ser jaqbu l-40 % tar-rekwiżiti minimi ta' konċentrazzjoni tematika għal dak l-Objettiv ta' Politika.
13. Taħt l-Objettiv ta' Politika 2 għal Ewropa reżiljenti u aktar ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fi tranżizzjoni lejn ekonomija mingħajr emissjonijiet tal-karbonju, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni ser ikunu jistgħu jipprovdu, fost l-oħrajn, appoġġ għat-titjib tal-protezzjoni u l-preżervazzjoni tan-natura, il-bijodiversità u l-infrastruttura ekoloġika, inkluż f'żoni urbani, u t-tnaqqis tal-forom kollha ta' tniġġis. Barra minn hekk, taħt l-istess Objettiv ta' Politika 2, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni ser ikunu jistgħu jipprovdu appoġġ għall-promozzjoni ta' mobilità urbana multimodali sostenibbli, bħala parti mit-tranżizzjoni lejn ekonomija mingħajr emissjonijiet tal-karbonju. Biex jinżamm il-bilanċ it-tajjeb bejn l-appoġġ għal Objettivi ta' Politika differenti, 50 % biss tar-riżorsi minfuqa fuq il-promozzjoni ta' mobilità urbana multimodali ser jitqiesu fil-kalkolu tal-konformità mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika għall-Objettiv ta' Politika 2 u r-riżorsi meqjusa għar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika mhux ser jaqbu l-50 % tar-rekwiżiti minimi ta' konċentrazzjoni tematika għal dak l-Objettiv ta' Politika.

14. Fi ħdan l-Objettiv ta' Politika 4 għal Ewropa aktar soċjali u inklużiva li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-FEŻR ser ikun jista' jipprovdi appoġġ għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjoekonomika tal-komunitajiet marġinalizzati, il-familji bi dħul baxx u l-gruppi żvantaġġati, inklużi l-persuni bi bżonnijiet speċjali; u għall-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi, inkluż il-migranti, it-tnejn li huma permezz ta' azzjonijiet integrati, inkluż akkomodazzjoni u servizzi soċjali.
15. Taħt l-Objettiv ta' Politika 5 għal Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini permezz tat-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u integrat ta' kull tip ta' territorju u inizjattiva lokali, il-FEŻR ser ikun jista' jrawwem l-iżvilupp soċjali, ekonomiku u ambjentali integrat u inklużiv, il-kultura kif ukoll il-wirt naturali, it-turiżmu sostenibbli u s-sigurtà f'żoni li mhumiex żoni urbani. L-appoġġ taħt dan l-objettiv ta' politika ser jiġi pprovdut permezz ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali u lokali.

(b) Il-konċentrazzjoni tematika tal-appoġġ tal-FEŻR (Artikolu 4)

16. L-Istati Membri ser jiddeċiedu fuq liema livell ser jikkonformaw mal-konċentrazzjoni tematika: fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-kategoriji tar-reġjuni. L-Istati Membri ser jagħmlu din l-għażla fil-Ftehimiet ta' Sħubija tagħhom konklużi mal-Kummissjoni. L-għażla tagħhom għandha tapplika għall-perijodu ta' programmazzjoni kollu.

17. Għall-finijiet ta' konċentrazzjoni tematika, l-Istati Membri u r-reġjuni huma kklassifikati abbażi tal-proporzjon tad-dħul nazzjonali gross tagħhom, fi tliet gruppi, u l-allokkazzjonijiet minimi għall-Objettivi ta' Politika 1 u 2 huma stipulati għal kull grupp. L-Istati Membri u r-reġjuni bi proporzjon ta' dħul nazzjonali gross daqs jew aktar minn 100 % tal-medja tal-UE ser ikollhom jallokaw mill-inqas 85 % tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom għall-Objettiv ta' Politika 1 u l-Objettiv ta' Politika 2 u mill-inqas 30 % għall-Objettiv ta' Politika 2. L-Istati Membri u r-reġjuni bi proporzjon ta' dħul nazzjonali gross daqs jew aktar minn 75 % u inqas minn 100 % tal-medja tal-UE ser ikunu meħtieġa jallokaw mill-inqas 40 % tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom għall-Objettiv ta' Politika 1, u mill-inqas 30 % għall-Objettiv ta' Politika 2. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri u r-reġjuni bi proporzjon ta' dħul nazzjonali gross inqas minn 75 % tal-medja tal-UE għandhom jallokaw mill-inqas 25 % tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom għall-Objettiv ta' Politika 1, u mill-inqas 30 % għall-Objettiv ta' Politika 2. L-għoti lill-Istati Membri tal-għażla li jiksbu konċentrazzjoni tematika fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-kategorija tar-reġjuni, għandu jippermetti flessibilità fil-livell tal-programmi individwali.

(c) Ambitu tal-appoġġ tal-FEŻR (l-Artikolu 5)

18. Il-FEŻR ser jappoġġa dawn li ġejjin:

- investimenti fl-infrastruttura;
- attivitajiet għar-riċerka applikata u l-innovazzjoni, inkluż ir-riċerka industrijali, l-iżvilupp sperimentali u l-istudji tal-fattibilità;
- investimenti fl-aċċess għas-servizzi;
- investimenti produttivi fl-SMEs u investimenti li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-impjiegi eżistenti u jgħolqu impjiegi ġodda;
- tagħmir, software u assi intanġibbli;
- networking, kooperazzjoni, skambju ta' esperjenzi u attivitajiet li jinvolvu raggruppamenti tal-innovazzjoni inkluż bejn in-negozji, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-awtoritajiet pubbliċi;
- informazzjoni, komunikazzjoni u studji; u
- assistenza teknika.

19. Taħt ċerti kondizzjonijiet, il-FEŻR jista' jappoġġa investimenti produttivi f'intrapriżi li mhumiex SMEs. Il-FEŻR jista' jappoġġa wkoll, taħt ċerti kondizzjonijiet, taħriġ, taġlim tul il-ħajja, taħriġ mill-ġdid u attivitajiet edukattivi, u x-xiri ta' provvisti meħtieġa għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u għat-tisħiħ tar-reżiljenza għad-diżastri.
20. Fejn strettament meħtieġ u bħala miżura temporanja b'rispons għal ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu, il-FEŻR jista' jappoġġa l-finanzjament tal-kapital operatorju fl-SMEs fil-forma ta' għotjiet.

(d) Ambitu tal-appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni (Artikolu 6)

21. Il-Fond ta' Koeżjoni ser jappoġġa dawn li ġejjin:
 - investimenti fl-ambjent, inkluż investimenti relatati mal-iżvilupp sostenibbli u l-enerġija li jippreżentaw benefiċċji ambjentali, b'attenzjoni partikolari fuq l-enerġija rinnovabbli;
 - investimenti f'TEN-T;
 - assistenza teknika;
 - informazzjoni, komunikazzjoni u studji.

(e) Esklużjonijiet (Artikolu 7)

22. Kien importanti li jiġi ċċarat liema attivitajiet jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni. Dan, pereżempju, ser ikun il-każ ta' investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet taħt id-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet 2003/87/KE, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-finanzjament disponibbli, li diġà teżisti bħala parti minn dik id-Direttiva. Barra minn hekk, l-investimenti f'intrapriżi f'diffikultà, kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, huma wkoll esklużi sakemm ma jkunux awtorizzati taħt għajnuna *de minimis* jew regoli dwar l-għajnuna mill-Istat temporanja stabbiliti biex jiġu indirizzati ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni mhux ser jappoġġaw ukoll ċertu investiment fl-ajruporti, bl-eċċezzjoni ta' appoġġ għal miżuri mmirati ta' mitigazzjoni ambjentali, ta' sigurtà u ta' sikurezza fl-ajruporti reġjonali sakemm l-oġettiv primarju tal-investimenti jkun identifikat b'mod ċar f'termini ta' standards ambjentali, ta' sigurtà jew ta' sikurezza tal-UE u jkun konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Bl-istess mod, l-ebda wieħed mill-fondi mhu ser jappoġġa faċilitajiet għar-rimi f'landfills u t-trattament tal-iskart residwu, id-dekummissjonar jew il-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari jew il-manifattura, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tat-tabakk u tal-prodotti tat-tabakk. L-appoġġ għal investiment relatata mal-produzzjoni, l-ipproċessar, it-trasport, id-distribuzzjoni, il-ħażna jew il-kombustjoni ta' fjuwils fossili huwa wkoll eskluż, bl-eċċezzjoni ta':

- (i) taħt ċerti kondizzjonijiet, is-sostituzzjoni ta' sistemi ta' tisħin li jaħdmu bil-fjuwils fossili solidi b'sistemi tat-tisħin li jaħdmu bil-gass;
- (ii) investiment fl-espansjoni u l-adattament għal skop ġdid, il-konverżjoni jew il-modifika retroattiva tan-networks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-gass ladarba tali investiment iħejji n-networks għaż-żieda ta' gassijiet rinnovabbli u b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju, bħall-idroġenu, il-bijometan u l-gass ta' sinteżi, fis-sistema u jippermetti s-sostituzzjoni ta' impjanti tal-fjuwils fossili solidi;
- (iii) investiment f'vetturi nodfa għal finijiet pubbliċi, kif ukoll vetturi, inġenji tal-ajru u bastimenti mfassla u mibnija jew adattati għall-użu mis-servizzi tal-protezzjoni ċivili u tat-tifi tan-nar.

L-ammont ta' appoġġ skont il-punti (ii) u (iii) hawn fuq ser ikun limitat skont il-livell tad-dħul nazzjonali gross tal-Istat Membru u s-sehem tal-Istat Membru ta' fjuwils fossili solidi fil-konsum intern totali ta' enerġija. Operazzjonijiet appoġġati mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt il-punti (i) u (ii) ser jintgħażlu mill-awtorità ta' ġestjoni sal-31 ta' Diċembru 2025 u mhux ser ikun possibbli l-ebda trasferiment għall-perijodu ta' programmazzjoni li jkun imiss.

(f) Dispożizzjonijiet speċifiċi (Artikoli 9-14)

23. Ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi ser japplikaw fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi, f'konformità mal-Artikolu 349 TFUE.
24. Il-FEŻR jista' jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat fi ħdan programmi taħt il-mira Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u l-mira Kooperazzjoni territorjali Ewropea. Biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, demografiċi u soċjali, il-FEŻR ser jappoġġa żvilupp territorjali integrat ibbażat fuq strateġiji ta' żvilupp lokali territorjali jew immexxi mill-komunità. Il-FEŻR ser jappoġġa l-Inizjattiva Urbana Ewropea. Il-FEŻR ser jappoġġa l-Istrument għall-Investiment Interreġjonali fl-Innovazzjoni, li mbagħad għandu jappoġġa l-kummerċjalizzazzjoni u ż-żieda fi proġetti ta' innovazzjoni interreġjonali li għandhom il-potenzjali li jhegħu l-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur Ewropej.

IV. KONKLUŻJONI

25. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-kompromess milħuq fin-negożjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
26. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta pakkett bilanċjat għaż-żewġ fondi li dan ir-Regolament għandu jstabbilixxi għall-perijodu ta' programmazzjoni 2021-2027.